MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 315/2011

**SM (Marketing) Ltd. (C-41560)**

**Vs**

**Vehbi Aygun**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tmint elef mija hamsa u disghin Euro u tlett centezmi (€8,195.03), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-prezz ta' prodotti mibjugha u konsenjati lill-konvenut fuq ordni tieghu stess; bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' kull konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi daw ta' l-ittra legali tal-4 ta' Lulju 2011 kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors, kontra l-konvenut;

Rat illi ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat naqas milli jipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas deher ghas-seduti iffissati minn din il-Qorti;

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenut fis-17 ta' Ottubru 2011 u l-fatt li l-istess konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza ;

**Ikkunsidrat :**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €8,195.03, bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-prezz ta' prodotti mibjugha u konsenjati lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' kull konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez giudizzjarji.

Il-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jirrispondi ghat-talbiet attrici u lanqas deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Fis-17 ta' Ottubru 2011 is-socjetà attrici pprezentat Kapitolu fil-konfront tal-konvenut izda huwa naqas milli jidher biex jirrispondi ghalih u b'hekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' tmint elef mija hamsa u disghin Euro u tlett centezmi (€8,195.03), bl-imghax legali kif mitlub mill-istess socjetà attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-4 ta' Lulju 2011 kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------